

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Jannar 2015 – Evonik Degussa vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-341/12) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Suq Ewropew tal-perossidu tal-idroġenu u tal-perborat — Pubblikazzjoni ta' deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Ċaħda ta' talba intiża sabiex jinkiseb it-trattament kunfidenzjali ta' informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni bis-saħħa tal-komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tagħha — Obbligu ta' motivazzjoni — Kunfidenzjalità — Sigriet professjonali — Aspettattivi leġittimi”)

(2015/C 089/17)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Evonik Degussa GmbH (Essen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Steinle, M. Holm-Hadulla u C. von Köckritz, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Giolito, M. Kellerbauer u G. Meessen, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2012) 3534 finali, tal-24 ta' Mejju 2012, li tirrigwarda ċ-ċaħda ta' talba għal trattament kunfidenzjali mressqa minn Evonik Degussa, skont l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-President tal-Kummissjoni 2011/695/UE, tat-13 ta' Ottubru 2011, dwar il-funzjoni u t-termini ta' referenza tal-uffiċjal tas-seduta f'ċerti proċedimenti dwar il-kompetizzjoni (Każ COMP/38.620 – Perossidu tal-idroġenu u perborat).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Evonik Degussa GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż inkluż għal dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

⁽¹⁾ ĠU C 311, 13.10.2012.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Jannar – Akzo Nobel et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-345/12) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Suq Ewropew tal-perossidu tal-idroġenu u tal-perborat — Pubblikazzjoni ta' deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Ċaħda ta' talba intiża sabiex jinkiseb it-trattament kunfidenzjali ta' informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni bis-saħħa tal-komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tagħha — Obbligu ta' motivazzjoni — Kunfidenzjalità — Sigriet professjonali — Aspettattivi leġittimi”)

(2015/C 089/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Akzo Nobel NV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi); Akzo Chemicals Holding AB (Nacka, l-Isvezja); u Eka Chemicals AB (Bohus, l-Isvezja) (rappreżentanti: C. Swaak u R. Wesseling, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Giolito, M. Kellerbauer u G. Meessen, aġenti)

Parti intervenjenti in sostenn tal-parti konvenuta: CDC Hydrogene Peroxide Cartel Damage Claims (CDC Hydrogene Peroxide) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: T. Funke, avukat)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2012) 3533 finali, tal-24 ta' Mejju 2012, li tirrigwarda ċ-ċaħda ta' talba għal trattament kunfidenzjali mressqa minn Akzo Nobel, Akzo Chemicals Holding u Eka Chemicals, skont l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-President tal-Kummissjoni 2011/695/UE, tat-13 ta' Ottubru 2011, dwar il-funzjoni u t-termini ta' referenza tal-uffiċjal tas-seduta f'ċerti proċedimenti dwar il-kompetizzjoni (Każ COMP/38.620 – Perossidu tal-idroġenu u perborat).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Akzo Nobel NV, Akzo Chemicals Holding AB u Eka Chemicals AB huma kkundannati għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 295, 29.9.2012.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 4 ta' Frar 2015 – El Corte Inglés vs UASI – Apro Tech (APRO)

(Kawża T-372/12) (¹)

[“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva APRO — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti B-PRO by Boomerang, trade mark Komunitarja verbali preċedenti PRO MOUNTAIN u Applikazzjonijiet għat-trade marks Komunitarji figurattivi u verbali preċedenti B-PRO by Boomerang et PRO OUTDOOR — Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009*”]

(2015/C 089/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: El Corte Inglés, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: E. Seijo Veiguela, J. Rivas Zurdo u I. Munilla Muñoz, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos.)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Apro Tech Co., Ltd (Tachia, it-Tajwan)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-25 ta' Mejju 2012 (Każ R 196/2011-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn El Corte Inglés, SA u Apro Tech Co. Ltd.